# I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

## tat-15 ta' Novembru 2007

## dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala mutur prinċipali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona

(2007/C 300/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

1. L-għan strateġiku stabbilit għall-Unjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew ta' Lisbona ta' Marzu 2000 ([1]), *"li din issir l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja, b'kapaċità ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'aktar impjiegi u b'impjiegi aħjar u b'koeżjoni soċjali akbar"*, kif ukoll il-mandat speċifiku tal-Kunsill Ewropew għall-Ministri ta' l-Edukazzjoni *"biex jagħmlu riflessjoni ġenerali dwar l-objettivi konkreti tas-sistemi ta' l-edukazzjoni, b'konċentrazzjoni fuq problemi u prijoritajiet komuni, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità nazzjonali"*;

2. l-objettivi komuni stabbiliti taħt il-programm ta' ħidma dettaljat adottati mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona ([2]), dwar is-segwitu ta' l-objettivi tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa (il-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010"), kif ukoll l-iżvilupp ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni li fetaħ perspettivi għal kooperazzjoni ulterjuri fl-Unjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

3. ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar it-tagħlim tul il-ħajja ([3]), li stiednet lill-Istati Membri biex jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd billi jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji komprensivi u koerenti ta' tagħlim tul il-ħajja;

4. ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-Istrateġija ta' Lisbona mmexxija mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2005 u b'mod partikolari, il-Linji Gwida Integrati li ġew adottati sussegwentement għall-perijodu 2005-2008 li appellaw għal espansjoni ta' l-investiment fil-kapital uman u l-adattament tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ f'rispons għal ħtiġiet ta' kompetenza ġodda ([4]);

5. il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar l-effiċjenza u l-ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li saħqu li l-iżvilupp ta' sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ effiċjenti u ekwitabbli u ta' kwalità għolja jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tar-riskji tal-qgħad, l-esklużjoni soċjali u l-ħela ta' potenzjal uman f'ekonomija moderna bbażata fuq l-għarfien ([5]);

6. il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 ([6]), li enfasizzaw li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma prerekwiżiti għal trijangolu ta' għarfien li jiffunzjona sew (edukazzjoni-riċerka-innovazzjoni) u li għandhom rwol ċentrali f'li jagħtu spinta lill-impjiegi u lit-tkabbir,

FILWAQT LI JINNOTA l-komunikazzjoni ([7]) riċenti tal-Kummissjoni li tivvaluta l-ewwel tliet snin ta' l-Istrateġija ta' Lisbona riveduta mmirata lejn tkabbir, kompetittività u innovazzjoni msaħħin u t-tfassil ta' xi sfidi prinċipali għall-futur,

([1]) Dok. SN 100/1/00 REV 1.
([2]) ĠU C 142, 14.6.2002, p. 1.
([3]) ĠU C 163, 9.7.2002, p. 1.
([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2005/601/KE dwar il-linji gwida ġenerali għal-linji politiċi ekonomiċi ta' l-Istati Membri u tal-Komunità (2005 sa l-2008) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/600/KE dwar Linji Gwida għall-politika ta' l-impjiegi ta' l-Istati Membri.
([5]) ĠU C 298, 8.12.2006, p. 3.
([6]) Dok. 7224/07, paragrafu 15.
([7]) COM(2007) 581 finali — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata: *L-Interess Ewropew — li tirnexxi fi żmien il-globalizzazzjoni.*

BIL-ĦSIEB li jiżgura li l-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ għar-rwol indispensabbli li għandhom fl-Istrateġija ta' Lisbona u li jikkontribwixxi għall-proposti li ġejjin dwar iċ-ċiklu li jmiss ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, kif ukoll jgħaqqad rabtiet reċiproċi aktar b'saħħithom bejn iċ-ċiklu l-ġdid u l-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" relatat,

BIL-ĦSIEB ULTERJURI LI jiġi enfasizzat il-kontribut miżjud ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ mhux biss għall-miri ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi, iżda wkoll biex jintlaqgħu sfidi oħrajn li s-soċjetajiet Ewropej qed jiffaċċjaw, bħaż-żieda fil-globalizzazzjoni, xejriet demografiċi li qed jevolvu u l-migrazzjoni, progress teknoloġiku, il-bidla fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli,

JISĦAQ li:

1. L-edukazzjoni u t-taħriġ jifformaw quċċata waħda tat-trijangolu ta' l-għarfien u huma kruċjali biex jipprovdu lir-riċerka u lill-innovazzjoni bil-bażi ta' ħiliet wiesgħa u l-kreattività li dawn jeħtieġu. Huma jirrappreżentaw il-pedament li fuqu jiddependu t-tkabbir futur ta' l-Ewropa u l-benesseri taċ-ċittadini ta' l-Ewropa.

2. L-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi u koerenti għal tagħlim tul il-ħajja għandha tilħaq l-għanijiet ta' l-effiċjenza u l-ekwità, filwaqt li tippromwovi l-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kreattività. Is-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom mhux biss jipprovdu l-bażijiet għal kompetittività ekonomika u impjegabbiltà individwali akbar, iżda wkoll jiżguraw koeżjoni soċjali, żvilupp sostenibbli, sodisfazzjon personali aktar qawwi u involviment aktar attiv taċ-ċittadini fis-soċjetà.

3. Il-forniment imtejjeb għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal, l-inkoraġġiment għall-ksib ta' kompetenzi prinċipali ġodda, l-attrattiva akbar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-iżvilupp ta' gwida tul il-ħajja, iż-żieda ta' aċċess għal u ta' eċċellenza fl-edukazzjoni postskolari u ogħla, l-espansjoni tat-tagħlim għall-adulti, kif ukoll it-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ta' l-għalliema, jipprovdu l-mezzi effettivi biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha huma kkwalifikati aħjar u għalhekk ikunu f'pożizzjoni aħjar li jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku.

4. Iffaċċjati bid-diversità dejjem tiżdied ta' l-isfondi ta' l-istudenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jipprovdu mezz essenzjali ta' integrazzjoni fl-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej u tal-promozzjoni ta' djalogu interkulturali.

5. Il-kondizzjonijiet qafas għat-tagħlim tul il-ħajja jistgħu jiġu msaħħa bl-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet u sħubiji ta' tagħlim li jinvolvi lill-partijiet interessati u lil min jimpjega, u bl-iżvilupp ta' l-infrastrutturi għat-tagħlim elettroniku, għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet, għall-validazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim u għall-gwida tul il-ħajja, kif ukoll bl-esplorazzjoni ta' arranġamenti ta' finanzjament ġodda possibbli,

GĦALDAQSTANT JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex:

1. jisħqu dwar is-sinifikat ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istrateġija ta' Lisbona ġenerali, partikolarment biex fil-parti tal-'Kompetittività' tal-Linji Gwida Integrati għat-tkabbir u l-impjiegi jiġi enfasizzat il-post kruċjali tagħhom fit-trijangolu ta' l-għarfien, flimkien mar-riċerka u l-innovazzjoni, u fil-parti ta' l-'Impjiegi' tal-Linji Gwida jenfasizzaw li t-tagħlim tul il-ħajja huwa fundamentali biex jippermetti liċ-ċittadini Ewropej jirnexxu u jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ekonomija ta' l-għarfien, kif ukoll jiġi żgurat li l-gruppi kollha, inklużi dawk li qegħdin f'riskju ta' esklużjoni, jistgħu jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa biex jagħmlu dan;

2. jissottolinjaw il-kontribut ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ mhux biss fil-promozzjoni ta' l-impjiegi, il-kompetittività u l-innovazzjoni, iżda wkoll li jrawmu l-koeżjoni soċjali, ċ-ċittadinanza attiva u s-sodisfazzjon personali, u biex jintlaqgħu l-isfidi l-oħra li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet Ewropej attwalment;

3. jiżguraw li l-linji politiċi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu jaqblu ma' linji politiċi f'oqsma oħra, bħar-riċerka, l-intrapriża u l-innovazzjoni, is-soċjetà ta' l-informazzjoni, l-impjiegi, l-affarijiet soċjali, iż-żgħażagħ, il-kultura, is-saħħa, il-migrazzjoni u r-relazzjonijiet esterni, isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Kunsill Edukazzjoni u formazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill u jikkunsidraw modi li jieħdu kont aktar tal-fehmiet tal-partijiet kollha interessati;

4. isaħħu r-rwol strateġiku tal-Kunsill Edukazzjoni fil-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, partikolarment billi jdaħħlu r-riżultati fil-proċessi tat-tfassil ta' politika kemm fil-livell Ewropew u kif ukoll f'dak nazzjonali, u billi jizviluppaw bażi solida ta' l-għarfien għall-politika ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

5. jiżguraw rabtiet ċari bejn il-programm ta' ħidma 'Edukazzjoni u Taħriġ' u l-Linji Gwida integrati ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li tittejjeb l-organizzazzjoni tal-ħidma konġunta bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam u — fir-rigward tal-programm ta' ħidma lil hinn mill-2010 — jitkompla l-proċess ta' riflessjoni fuq il-prijoritajiet prinċipali tal-programm u dwar kif jista' jiġi żviluppat approċċ aktar integrat għall-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja.